# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 11 ta' Lulju 2024**

**Kawża Numru: 8**
**Rikors Guramentat Numru:- 943/2021JVC**

**Cecilia Josephine Depasquale (627747M), Theresa Maria Rizza Depasquale (364151M), u James Depasquale (702355M)**

**vs**

**Noel Falzon (2767M), Alfred Falzon (237568M), Mario Falzon (286573M), u Darren Falzon (146179M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti Cecilia Josephine Depasquale et li jaqra kif isegwi:

1. ‘Illi l-esponenti Cecilia Josephine Depasquale, Theresa Maria Rizza Depasquale, u James Depasquale huma sidien flimkien bejniethom tal-ghalqa tal-kejl ta’ cirka tlett elef u wiehed u sebghin metru kwadru (3,071 mk), maghrufa bhala tar-Rabbat sive tal-Bajjad, fil-kuntrada Tal-Iskartocca, accessibbli minn triq Wenzu Dyer, Hamrun. Huma wirtu din il-proprjeta’ minghand missierhom l-Avukat Dottor Vincent Agostino Depasquale.

2. Illi dan ir-raba’ kien imqabbel lil Joseph Xerri li miet bla tfal.

3. Illi l-intimati jghidu li huma neputijiet tal-imsemmi Joseph Xerri u li dan hallielhom il-qbiela tar-raba’ msemmi b’legat. L-intimati ipprovaw ihalsu l-qbiela, izda l-esponenti qatt ma rrikonoxxewhom. Minkejja dan l-intimati xorta wahda ddepozitaw il-kera f’isimhom.

4. Illi l-intimati ma kellhom ebda jedd li jidhlu fil-kirja li kellu Joseph Xerri, u ghalhekk illum huma qed jokkupaw ir-raba’ msemmi tal-esponenti minghajr ebda jedd validu fil-ligi.

5. Illi l-esponenti interpellaw lill-intimati sabiex jirrilaxxjaw ir-raba’ imsemmi, bil-pussess battal, favur taghhom, izda sallum baqghu inadempjenti.

6. Illi jezistu l-elementi kollha preskritti bid-dispozizzjonijiet tal-artikolu 167 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) sabiex it-talbiet tal-esponenti ghall-izgumbrament jigu decizi bid-dispensa tas-smigh tal-kawza billi l-istess intimat ma ghandhomx difiza x’jaghtu kontra dawn it-talbiet.

Għaldaqstant, prevja kull dikjarazzjoni li din l-Qorti jidhrilha xierqa, l-esponenti jitolbu bir-rispett li, għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti jogħġobha:

i. tiddeċiedi skond it-talbiet bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap.12).

ii. tordna lill-intimati sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss minn din il-Qorti jiżgombraw mill-għalqa tal-kejl ta' ċirka tlett elef u wieħed u sebgħin metru kwadru (3,071mk), magħrufa bħala tar-Rabbat sive tal-Bajjad, fil-kuntrada Tal-Iskartocca, aċċessibbli minn triq Wenzu Dyer, Ħamrun, u jirrilaxxjawha favur l-esponenti bil-pussess battal.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huma nġunti għas-subizzjoni.

B'riserva għal kull azzjoni oħra, inkluż dik għad-danni, kompetenti lill-esponenti skond il-liġi.'.

Rat illi din il-kawża ġiet intavolata bil-proċediment sommarju speċjali ai termini tal-Artikolu 167 *et seq* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u rat id-digriet tal-Qorti datat 11 ta' Novembru, 2021 a fol. 19 tal-proċess fejn il-Qorti wara li semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet qieset li l-intimati għandhom *prima facie* eċċezzjonijiet xi jressqu u għalhekk imponiet terminu ta' 20 jum sabiex tiġi pprezentata risposta tal-intimati.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimati li taqra kif isegwi:

1. 'Illi in linea preliminari, l-atturi iridu jipprovaw li ghandhom l-interess guridiku necessarju sabiex jintavolaw l-proceduri odjerni u dan stante li ghalkemm jishqu li huma l-unici sidien tar-raba' mertu tar-rikors guramentat de quo, r-rikorrenti qatt ma gabu prova jew ipprovdew dokumenti sabiex isostnu t-titolu ivvantat minnhom;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal dak gia eccepit, it-talbiet tal-atturi huma infondati kemm fill-fatt u kif ukoll fid-dritt;

3. Illi nonostante li l-atturi jishqu li l-eccipjenti m'ghandhomx titolu validu, l-attrici Cecilia Josephine Depasquale, li kienet tipprezenta ruhha lill-eccipjenti bhala ir-rapprezentanta tal-eredi mhux maghrufa ta' l-Avukat Vincent Agostino Depasquale, kienet baqghet taccetta il-hlas tal-qbiela wara l-mewt ta' Joseph Xerri fil-25 ta' Novembru, 2018;

4. Illi di piu', din l-istess qbiela kienet anke tithallas mill-eccipjenti Noel Falzon meta l-istess Joseph Xerri kien ghadu haj. La l-attrici Cecilia Josephine Depasquale u ebda persuna ohra ma oggezzjonat ghal dan;

5. Illi in oltre, u kif ser jigi ippruvat tul dawn il-proceduri, l-eccipjenti kienu u ghandhom jahdmu l-istess raba' ghal diversi snin u dan minn qabel il-mewt ta' Joseph Xerri. La l-attrici Cecilia Josephine Depasquale u ebda persuna ohra ma oggezzjonat ghal dan;

6. Illi minghajr pregudizzju ghal dak gia eccepit, l-qbiela tar-raba' in kwistjoni kienet minn dejjem fil-familja Xerri, u kif ser jigi ppruvat, il-qbiela effettivament dejjem baqghet

ghand dixxendenti lineari kif jitlob l-*Att dwar it-Tigdid ta' Kiri ta' Raba'(Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta)*. Dan ifisser li *a contrario* ta' dak li jishqu l-atturi, jekk huwa minnu li huma s-sidien unici tal-istess raba', l-esponenti ghandhom jedd fuq il-kirja in kwistjoni u qeghdin jokkupaw l-istess b'titolu validu;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri ohra permessibbli mil-Ligi.

Bl-ispejjez, inkluz ta' kwalunkwe atti li gew ipprezentati in konnessjoni mal-mertu tal-kawza odjerna, inkluz ta' kwalunkwe cedoli ta' kera li kellhom jigi depozitati mill-esponenti fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti.

L-atturi qed jigu ngunti minn issa in subizzjoni.

***Dikjarazzjoni ta' fatti ai termini tal-Artikolu 158(3)(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta:***

1. Illi r-raba' mertu ta' din il-kawza li hija tal-kejl ta' cirka tlett elef u wiehed u sebghin mertu kwadru (3,071 mk), hija maghrufa bhala tar-Rabbat sive tal-Bajjad, fil-kuntrada Tal-Iskartocca, accessibli minn Triq Enzu Dyer, Hamrun, ilha ghal decenni tigi imqabbla lill-familja Xerri, li minnha jifformaw parti l-eccipjenti;

2. Illi din ir-raba' giet imqabbla originarjament lil Louis Xerri, in-nannu matern tal-eccipjenti, minghand l-Avukat Vincent Agostino Depasquale u dan sa minn 1952;

3. Illi ghalkemm l-istess raba' ilha ghal diversi snin fil-familja Xerri u tintuza u tinhadem mill-istess familja, kien iz-ziju

Joseph Xerri li l-aktar li kien jittratta mar-rapprezentati tal-eredi mhux maghrufa tal- Avukat Vincent Agostino Depasquale ghall-hlas tal-istess raba' u l-ktieb tal-kera kien eventwlament beda jinhareg fuq ismu;

4. Illi ghalkemm il-ktieb tal-kera kien fuq isem Joseph Xerri, l-esponenti Noel Falzon ghal diversi snin kien immur hu ihallas il-qbiela lill-attrici Cecilia Josephine Depasquale, li dejjem ipprezentat ruhha bhala ir-rappprezentant tal-eredi mhux maghrufa tal-Avukat Vincent Agostino Depasquale, u dan meta l-istess Joseph Xerri kien ghadu haj;

5. Illi Joseph Xerri miet fil-25 ta' Novembru, 2018 fl-eta ta' 73 sena u wara l-mewt tieghu l-attrici Cecilia Josephine Depasquale baqghet taccetta l-qbiela;

6. Illi *in oltre*, l-eccipjenti kienu u ghadhom jahdmu l-istess raba' ghal diversi snin minn qabel ma' miet Joseph Xerri. Tant hu hekk, li per ezempju, c-certifikat tal-impriza agrikola tal-art in kwistjoni, qieghed fuq isem l-eccipjenti Alfred Falzon, liema trasferiment minn Joseph Xerri ghal Alfred Falzon sar diversi snin ilu;

7. Illi kien ghalhekk li fl-ahhar testment li sar minn Joseph Xerri, ippublikat fl-atti tan-Nutar Dottor Francis Micallef fl-20 ta' April,1994, huwa kien kiteb li wara mewtu ried ihallilhom bhala legat l-inkwilinat tar-raba' mertu' ta' din il-kawza;

8. Illi nonostante dan kollhu huwa fuq espost, l-eccipjenti kienu ircievew ittra legali rigward r-raba in kwistjoni (vide Dok. E anness mar-rikors guramentat) fejn is-socjeta' Caman Properties Limited (C10687) kienet wahda mill-mittenti u

pprezentat ruhha wkoll bhala sid tar-raba' in kwistjoni u talbet l-izgumbrament tal-eccipjenti mill-istess. *Di piu,* Anton Camilleri, wiehed minn zewg diretturi tal-istess socjeta' Caman Properties Limited, kien ghamel kuntatt l-ewwel ma' l-intimat Noel Falzon u wara ma' l-intimat Darren Falzon, fejn l-ewwel infurmahom li kien xtara r-raba' in kwistjoni, u sussegwentement ghamlilhom ukoll offerta ta' flus, sabiex johorgu mill-istess ghalqa. Minkejja dan, la Caman Properties Limited u lanqas is-Sur Anton Camilleri ma jifformaw parti minn dawn il-proceduri;

9. Illi visto din l-inkonsistenza da parte tar-rikorrenti stess, n-nuqqas ta' dokumentazzjoni rigward it-titolu vvantat minnhom u l-fatt li l-esponenti dejjem sostnew li ghandhom titolu validu u li l-istess qbiela ilha fil-familja taghhom ghal decenni shah, l-eccipjenti irrifjutaw milli jizgumbraw mill-istess raba', liema dan wassal ghall-intavolar tal-proceduri odjerni.'.

Rat l-affidavits, xhieda, cedola ta' depositu, ittra legali, certifikati tal-mewt, kopji ta' ricevuti, testment, certifikat tal-impriza agrikola, ricerki testamentarji sigrieti u pubblici, dikjarazzjoni *causa mortis*, kopja ta' konvenju, ritratti, kopja ta' rifjut ta' permess ta' stalel, kontro-ezamijiet, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal datat 18 ta' Ottubru, 2023 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi r-rikorrenti jippremettu li huma l-proprjetarji lkoll flimkien fi kwoti ndaqs bejniethom tal-ghalqa tal-kejl ta' cirka tlett elef u wiehed u sebghin metru kwadru (3,071mk) maghrufa bhala 'Tar-Rabbat sive Tal-Bajjad' fil-kontrada tal-Iskartocca, accessibbli minn Triq Wenzu Dyer, Hamrun. Jispjegaw li l-fond kien imqabbel lil certu Joseph Xerri – ziju tal-intimati ahwa Falzon li ghalkemm mizzewweg miet minghajr tfal. Ir-rikorrenti jsostnu li l-intimati ahwa Falzon ma kellhom l-ebda jedd li jidhlu fil-kirja li kellu Joseph Xerri u llum qeghdin jokkupaw ir-raba' msemmija minghajr ebda jedd validu fil-ligi. Ir-rikorrenti ghalhekk ipprocedew bil-kawza odjerna fejn talbu sabiex il-Qorti tordna lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn din il-Qorti jizgombraw mill-ghalqa tal-kejl ta' cirka tlett elef u wiehed u sebghin metru kwadru (3,071mk) maghrufa bhala 'Tar-Rabbat sive tal-Bajjad' fil-kontrada tal-Iskartocca, accessibbli minn Triq Wenzu Dyer, Hamrun u jirrilaxxawha favur taghhom bil-pussess battal.

Illi l-intimati ahwa Falzon eccepew preliminarjament li r-rikorrenti jridu jippruvaw li ghandhom l-interess guridiku necessarju sabiex jintavolaw l-proceduri odjerni u dan stante li ghalkemm jishqu li huma l-unici sidien tar-raba' mertu tar-rikors guramentat *de quo*, ir-rikorrenti qatt ma gabu prova jew ipprovdew dokumenti sabiex isostnu t-titolu vantat minnhom. Fit-tieni lok eccepew ukoll li t-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt. Ulterjorment eccepew illi nonostante li r-rikorrenti jishqu li huma m'ghandhomx titolu validu, r-rikorrenti Cecilia Josephine Depasquale xorta baqghet taccetta l-hlas tal-qbiela wara l-mewt ta' Joseph Xerri fil-25 ta' Novembru, 2018. Izidu li l-istess qbiela

kienet anke tithallas mill-intimat Noel Falzon meta l-istess Joseph Xerri kien ghadu haj. La r-rikorrenti Cecilia Josephine Depasquale u ebda persuna ohra m'oggezzjonaw ghal dan. L-intimati ahwa Falzon eccepew ukoll inoltre li huma kienu u ghadhom jahdmu l-istess raba' ghal diversi snin u dan minn qabel il-mewt ta' zijuwhom Joseph Xerri. La r-rikorrenti Cecilia Josephine Depasquale u ebda persuna ohra ma oggezzjonat ghal dan. Finalment eccepew illi l-qbiela tar-raba' in kwistjoni kienet minn dejjem fil-familja Xerri u kif ser jigi ppruvat, il-qbiela effettivament dejjem baqghet ghand dixxendenti lineari kif jitlob l-Att dwar it-Tigdid ta' Kiri ta' Raba' Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan ifisser li a contrario ta' dak li jishqu r-rikorrenti, jekk huwa minnu li huma s-sidien unici tal-istess raba' huma ghandhom jedd fuq il-kirja in kwistjoni u qeghdin jokkupaw l-istess b'titolu validu.

**Eccezzjoni preliminari tal-intimati Falzon – interess guridiku:**

Preliminarjament l-intimati eccepew illi r-rikorrenti jridu jippruvaw li ghandhom l-interess guridiku sabiex jintavolaw il-proceduri odjerni u dan stante li ghalkemm jishqu li huma l-unici sidien tar-raba' mertu tal-kawza huma ma gabu l-ebda prova jew ipprovdew dokumenti sabiex isostnu t-titolu vantat minnhom.

Illi jirrizulta li r-rikorrenti Cecilia Josephine Depasquale, Theresa Maria Rizza Depasquale u James Depasquale huma ahwa lkoll ulied Dr Vincent Depasquale li gie nieqes fl-4 ta' Marzu, 2012 u Laura Depasquale li giet nieqsa fil-25 ta' Frar, 2016 (ara certifikat tal-mewt ta' Dr Vincent Depasquale a fol. 50 tal-process). Dr Vincent Depasquale rregola l-wirt u successjoni tieghu b'testment *unica charta* tad-9 ta' Frar, 2004 fl-atti tan-Nutar Dr Francis Micallef (ara ricerki testamentarji u testment a fol. 51 et seq tal-process). Permezz tal-imsemmi testment fis-sitt u l-ahhar artikolu huwa nnomina u istitwixxa bhala werrieta universali tieghu lit-tlett (3)

uliedu r-rikorrenti Cecilia Josephine, Teresa Maria mart Giovanni Antonio Rizza u James George Depasquale.

Illi r-rikorrenti Cecilia Josephine Depasquale fl-affidavit taghha a fol. 45 et seq tal-process iddikjarat illi l-ghalqa mertu tal-kawza odjerna kienet giet ghand missierha l-Avukat Dottor Vincent Depasquale b'wirt minghand missieru l-Imhallef Giacomo Depasquale. L-istess gie kkonfermat mir-rikorrenti Theresa Maria Rizza Depasquale fl-affidavit taghha a fol. 47 et seq tal-process li ddikjarat li missierha kien wiret l-ghalqa pero' ma specifikatx minghand min. In fatti l-ghalqa giet ddikjarata mir-rikorrenti fid-dikjarazzjoni *causa mortis* tal-1 ta' Marzu, 2013 fl-atti tan-Nutar Francis Micallef (a fol. 56 et seq tal-process) fis-sehem shih taghha li giet deskritta bil-mod segwenti:

> '37. Ir-Raba denominata "tal-Bajjada" sive "tal-Iskartocca" kontrada tal-Bajjada, limiti tal-Hamrun, tal-kapacita superficjali ta' circa tlitt elef wiehed u sebghin metri kwadri (3071m2) muri burdurat bl-ahmar fuq l-annessa pjanta/site plan markata bin-numru sebgha u tletin (37), konfinanti mit-tramontana, Gregal u Maestral ma' passagg li jizbokka fit-Triq Karmenu Abela, libera u franka, bid-drittijiet gius u l-pertinenzi kollha taghha, kif stmata mill-Perit Charles Cassar fir-Relazzjoni u Valutazzjoni tieghu unita mall-att bhala dokument ukoll immarkat bin-numru sebgha u tletin (37) tal-valur ta' tletin elf Euro €30,000.'.

Illi r-rikorrenti pprezentaw ukoll kopja tal-faccata tar-registru tal-kirjiet tal-familja Depasquale tal-ghalqa mertu tal-kawza odjerna a fol. 49 tal-process fejn l-art giet deskritta bhala 'Field "Tal-Bajjada" limits of Qormi' u minn fejn jirrizulta li originarjament l-art kienet

imqabbla lil certu Luigi Xerri u sussegwentement daret fuq isem Joseph Xerri.

Illi l-Qorti wara li rat dawn id-dokumenti m'ghandhiex dubju dwar l-interess guridiku taghhom sabiex jipprocedu bil-kawza odjerna. Konsegwentement ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni preliminari.

**Kunsiderazzjonijiet legali u fattwali:**

Illi d-difiza magguri ta' l-intimati ahwa Falzon f'din il-kawza hija li huma ntitolati li jokkupaw l-art in kwistjoni b'titolu ta' qbiela.

Illi l-Qorti tinnota li l-intimati ahwa Falzon jittentaw iressqu din id-difiza ta' titolu ta' qbiela fuq zewg xenarji. L-ewwel xenarju huwa li l-qbiela giet mghoddija lilhom b'testment datat 20 ta' April, 1994 fl-atti tan-Nutar Francis Micallef (ara testment a fol. 38 et seq tal-process) minghand iz-ziju taghhom Joseph Xerri li gie nieqes fil-25 ta' Novembru, 2018 (ara certifikat tal-mewt a fol. 37 tal-process). Dan l-imsemmi Joseph Xerri kien mizzewweg pero' ma kellux tfal u fl-imsemmi testment dwar il-qbiela ddispona illi:

> ' L-Ewwel Artikolu.
>
> It-testatur qieghed ihalli l-inkwilinat ossia l-qbiela tar-raba denominat tar-Rabbat sive tal-Bajjad f'Qormi Road, Qormi, tal-kejl ta' xi tomnejn u nofs (T2.3S.0K) pari ghal madwar elfejn tmien mija u ghaxar metri kwadri (2810m2) kif soggetti ghal kera ta' zewg liri Maltin u hamsin centesimi (LM2.50c0) fis-sena lil erbgha neputijiet tieghu li jisimhom Noel, Alfred, Mario u Daren, ahwa Falzon, ulied ohtu Lina Falzon indaqs bejniethom.'.

Illi bhala tieni xenarju, l-intimati ahwa Falzon jittentaw jargumentaw illi l-qbiela m'hijiex biss gejja mill-wirt ta' Joseph Xerri kif inghad, pero' in vista li l-intimat ahwa Falzon kienu jahdmu r-raba' mal-imsemmi Joseph Xerri u kien hemm anke okkazzjonijiet fejn marru jhallsu l-kera mieghu, meta Joseph Xerri halla l-kirja bit-testment huwa ghamel dan billi halla lid-dixxendenti lineari tal-kerrej originali u dan in konformita' mal-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fis-sitt eccezzjoni taghhom l-intimati ahwa Falzon jeccepixxu li l-qbiela tar-raba' in kwistjoni kienet minn dejjem fil-familja Xerri, u kif ser jigi ppruvat il-qbiela dejjem baqghet ghand dixxendenti lineari kif jitlob l-Att dwar it-Tigdid ta' Kiri ta' Raba' Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dwar l-ewwel difiza l-mistoqsija li tohrog hija jekk l-intimati ahwa Falzon jikwalifikawx bhala 'kerrej' li jirtu l-qbiela fuq l-art mertu tal-kawza odjerna fit-termini tal-Att dwar it-Tigdid ta' Kiri ta' Raba' Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-imsemmi Att dwar it-Tigdid ta' Kiri ta' Raba fl-Artikolu 2 jaghti d-definizzjoni ta' 'kerrej' bhala:

> '"kerrej" tinkludi kull membru tal-familja li jkun ċessjonarju tal-kirja u, wara l-mewt tal-kerrej, meta ma jkun hemm ebda membru bħal dak, tinkludi f'ordni ta' preferenza kull membru tal-familja li jkun legatarju tal-kirja jew li, matul l-aħħar sena minnufih qabel il-mewt tal-kerrej, kien jgħix mal-kerrej jew kien qed jaħdem ir-raba' miegħu jew għalih jew ikun il-werriet tal-kerrej; tinkludi wkoll, relattivament għal sullokatur, sub-konduttur, liema kelma għandha titqies f'dik ir-relazzjoni bħala li jkollha l-istess tifsir bħal kerrej fl-estensjoni sħiħa tiegħu;'.

Illi mbaghad l-istess artikolu tal-Kap. 199 jaghti d-definizzjoni ta' 'membri tal-familja' bhala:

> '"membru tal-familja" tfisser axxendent lineari, dixxendent lineari, armla jew armel, raġel tat-tifla, u l-armla tat-tifel sakemm ma terġax tiżżewweġ, tal-kerrej;'.

Illi l-intimati ahwa Falzon huma n-neputijiet tal-imsemmi Joseph Xerri li ghalkemm mizzewweg ma kellux tfal. Dan il-fatt mhux kontestat. Il-ligi hija cara u tispecifika liema huma dawk ic-cirkostanzi li l-qbiela tghaddi u tkompli *ex lege* fil-persuna ta' 'membru tal-familja' tal-inkwilin. Fil-kaz odjern m'hemmx hafna tidwir billi ghal finijiet tal-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta l-intimati ahwa Falzon bhala neputijiet ma jikkwalifikawx bhala membri tal-familja billi m'humiex dixxendenti lineari. Ghalhekk din id-difiza tal-intimati ma tregix.

Illi dwar it-tieni difiza l-intimati ahwa Falzon jittentaw jamalgamaw diversi fatturi flimkien billi jghidu li huma kienu jahdmu r-raba' mal-imsemmi Joseph Xerri u kien hemm okkazzjonijiet li marru jhallsu l-kera mieghu. Infatti fir-raba' u l-hames eccezzjoni taghhom l-intimati Falzon jghidu li din il-qbiela kienet anke tithallas minn Noel Falzon meta l-istess Joseph Xerri kien ghadu haj u kienet anke tinhadem minnhom mieghu ghal diversi snin u jzidu li la r-rikorrenti Cecilia Josephine Depasquale u lanqas ebda persuna ohra qatt ma oggezzjonat. Isostnu dan fl-affidavits taghhom Noel Falzon a fol. 98 et seq tal-process u Alfred Falzon a fol. 100 tal-process.

Huwa car ghal din il-Qorti li dawn l-argumenti huma tentattiv da parti tal-intimati ahwa Falzon sabiex juru lilhom infushom bhala

dixxendenti lineari tal-kerrej originali li kien in-nannu matern taghhom certu Luigi Xerri kif anki jsostnu fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom.

Illi l-Qorti ma tistax ma tinnutax it-tidwir u t-tigbid fl-argumenti li saru mill-intimati ahwa Falzon. L-intimati Noel u Alfred ahwa Falzon fl-affidavits taghhom it-tnejn jghidu li l-qbiela kienet ghaddiet ghand zijuhom Joseph Xerri. Dan huwa kkonfermat ukoll mill-estratt mir-registru tal-qbiela li kienu jzommu l-familja Depasquale a fol. 49 tal-process. La darba l-qbiela ghaddiet f'idejn zijuhom Joseph Xerri, kif ammess minnhom, ma jistax legalment Joseph Xerri jghaddi l-kirja lilhom fit-testment tieghu bhala dixxendenti lineari tal-kerrej originali. La l-kirja daret fuqu huwa seta' biss jghaddi l-qbiela ai termini tal-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta u dan hekk kif spjegat fil-paragrafi precedenti. L-intimati ahwa Falzon m'humiex dixxendenti lineari u ghalhekk ma jikwalifikawx. Il-fatt li kienu jhallsu l-qbiela mieghu u li kienu jahdmu l-istess ma taghmel l-ebda differenza ghal finijiet tad-difiza. Jsegwi ghalhekk li din il-linja difensjonali tal-intimati ahwa Falzon ukoll ma tregix u l-Qorti ser tghaddi sabiex tichad dawn iz-zewg eccezzjonijiet.

Jifdal li tigi trattata l-ahhar eccezzjoni tal-intimati ahwa Falzon u fejn fit-tielet eccezzjoni eccepew illi Cecilia Josephine Depasquale, li kienet tipprezenta ruhha lilhom bhala r-rapprezentanta tal-eredi mhux maghrufa ta' l-Avukat Dottor Vincent Depasquale, kienet baqghet taccetta il-hlas tal-qbiela wara l-mewt fil-25 ta' Novembru, 2018.

Il-Qorti tibda billi tinnota li l-intimati ahwa Falzon, tul il-kawza ma jinsistux fuq din id-difiza u fin-nota ta' sottomissjonijiet

taghhom l-intimati Falzon ma jaghmlu l-ebda accenn ghal din id-difiza.

Illi r-rikorrenti jispjegaw illi huma ma kinux jafu li Joseph Xerri gie nieqes u accettaw l-imsemmija qbiela ghal din ir-raguni. Cecilia Josephine Depasquale in kontro-ezami a fol. 88 et seq tal-process tispjega li huma rcivew il-ktieb tal-kera:

*'...fil-letterbox, kif gieli kienu jaghmlu, u ma konniex nafu li kien miet because he died in November two thousand and eighteen (2018), u my sister, my sister went in beginning of August or first .... of August two thousand and twenty (2020). Then I phoned, I spoke to Giuseppi's wife, u ghidtilha, ghidtilha 'Smajna li Giuseppi miet'. 'Iva' qaltli. Ghidtilha 'Meta miet?'. Qaltli 'F'Novembru'. Ahna hadnieha Novembru two thousand and nineteen (2019). Invece it was two thousand and eighteen (2018).'.*

Il-Qorti tinnota li din il-verzjoni tal-fatti tar-rikorrenti m'hijiex kontraddetta. In oltre, tikkollabora mal-fatt li huwa proprju fis-sena 2020 cioe' meta r-rikorrenti jghidu li saru jafu li Joseph Xerri miet u ghalhekk ma accettawx aktar qbiela, li bdew jigu ddepositati l-flus bl-uzu ta' cedola ta' depositu. In fatti l-Qorti rat li l-ewwel depositu sar ghal hlas ghall-perijodu mill-15 ta' Awwissu, 2020 sal-14 ta' Awwissu, 2021 (ara cedola a fol. 6 et seq tal-process).

Illi l-Qorti tenut kollox in konsiderazzjoni, tqis li r-rikorrenti dejjem kienu konsistenti fix-xhieda taghhom filwaqt li l-intimati ghalkemm qajjmu din id-difiza, fil-mori tal-kawza ma jaghmlu l-ebda accenn ghalija u sussegwentement lanqas ma baqghu jinsistu fuqha. Il-Qorti temmen il-verzjoni tal-fatti kif esposta mir-rikorrenti u cioe' li huma accettaw il-kera semplicement ghaliex

ma kinux konxji li l-inkwilin Joseph Xerri gie nieqes. Ukoll minn harsa lejn l-ircevuta a fol. 42 tal-process jirrizulta li din l-ircevuta f'dawk is-snin partikolari harget fuq isem Joseph Xerri li tikkollabora l-verzjoni tar-rikorrenti li huma ma kinux jafu li gie nieqes. In vista ta' dak suespost il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad ukoll din l-eccezzjoni.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' w'tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati ahwa Falzon;

2. Tiddikjara l-ewwel talba bhala sorvolata;

3. Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-intimati ahwa Falzon sabiex fi zmien massimu ta' xahrejn mid-data li din id-decizjoni ssir gudikat jizgombraw mill-ghalqa tal-kejl ta' cirka tlett elef u wiehed u sebghin metri kwadri (3,071m.k.) maghrufa bhala 'Tar-Rabbat sive Tal-Bajjad', fil-kontrada tal-Iskartocca, accessibbli minn Triq Wenzu Dyer, Hamrun, u jirrilaxxawha favur ir-rikorrenti bil-pussess battal.

Bl-ispejjez interament a karigu tal-intimati ahwa Falzon.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**

**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**11 ta' Lulju, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**11 ta' Lulju, 2024**